**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 1-13

**Data: 23 ta' Jannar** 2013

**Hin:** 5.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku - assenti
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 13.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Monument taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI.

Giet diskussa d-data ghall-inawgurazzjoni tal-Monument tat-tifkira taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI. Il-Kunsill qabel li l-inawgurazzjoni ssir il-Hadd 24 ta' Frar 2013.Il-hsieb hu li ssir il-Quddiesa barra fit-Triq b'hekk tinghalaq it-triq ghat-traffiku mit-08.00 sal-10.00 ta' filghodu. Ghall-inawgurazzjoni jigi mistieden l-isqof sabiex jinawgura l-monument tat-tifkira u f'kaz li dan ma jkunx jista, minflok jigi inawgurat mill-Kappillan flimkien mas-Sindku. Dan il-programm se tintbghat lill-Kappillan sabiex japprova din il-proposta.

**3 Komunikat mis-Sindku u approvazzjoni ta' xogholijiet.**

3.1a Xogholijiet

Ix-xoghol fuq il-Progett tal-Housing ta' Bighi wasal biex jigi komplut, l-arbli waslu u fiz-zmien li gej se ssir il-komunikazzjoni taghhom.

3.1b Is-Sindku qal li l-latrina qed terga tinfetah minn filghodu sas-6.30 ta' filghaxija. Ghad iridu jsiru arrangamenti ghall-ftuh taghha fis-sajf.

3.1c Qed issir il-bankina ta' Triq il-Missjoni Taljana, quddiem il-garaxxijiet u titranga anke ic-central strip minhabba l-garaxxijiet.

3.1d Dwar ix-xoghol ta' resurfacing ta' Triq il-Progress, is-Sindku qal li minn informazzjoni ta' Transport Malta din ghandha ssir aktar il-quddiem minhabba li ghad irid isir aktar zvilupp fil-bini. Dwar ic-central strip li tnehhiet meta saret it-Triq, din m'hix ser terga ssir minn TM. Il-Kunsill ircieva diversi rapporti dwar is-sewqan eccessiv minn dik it-triq.

3.1e Ix-xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara beda u ghaddej b'rittmu tajjeb.

3.1f Gie approvat l-Isqaq Marina Nru 1 mill-fondi tal-Urban Improvement Funds.

3.1g Mill-Iskema tal-Finanzjament ta' Progetti Specjali, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali alloka s-somma ta' 15,000 ewro ghar-Resurfacing tal-Isqaq Marina Nru 2. Ix-xoghol ser jibda u jipprova jitlesta sal-elezzjoni.

3.1h Tlesta x-xoghol fit-tarag ta' Triq Santa Filumena, u qed jitkomplew il-konki tal-palm tax-xatt. Fadal isiru l-ahhar hamsa. Kif jitlestew, titpogga aktar hamrija fihom u jitlestew sal-inawgurazzjoni tal-monument. Il-bankina ta fejn ser jitpogga l-monument issir mill-kuntrattur u jinqalghu il-bankijiet u l-arblu tad-dawl.

3.1i Ser titranga l-bankina ta' Triq is-Sienja billi tinbarax u tithalleb minhabba li qieghda fi stat hazin hafna.

## 4. **<u>Korrispondenza</u>**

### 4.1 **<u>Quote 02/2013 – Supply of Street Furniture</u>**

Il-Kunsill qabel li wara li jsir qbil dwar liema ghamara ta' barra se tintghazel, ghandu jkun zgur li din tkun fl-istock tal-bejjiegh. Wara evalwazzjoni ta' l-offerti mitfugha gie deciz li:
Il-bankijiet tal-injam ghandhom jintghazlu dawk tal-Mquip jew S&R. Il-Kunsill jishaq li jingiebu samples sabiex tigi evalwata l-kumdita taghhom kif ukoll il-materjal taghhom.
Il-Kunsill qabel li ser jinxtraw sitt bankijiet u jehlu fil-Pjazza Sagra Familja.

Bins tal-Injam sar qbil li jinxtraw sebgha minghand l-Mquip, u jehlu tlieta fil-Pjazza Sagra Familja u erbgha f'Misrah Arcisqof Gonzi.

Dwar l-Aluminium Bins il-Kunsill qabel li jinxtraw ghaxra minghand Anton Zarb li huma 2 in 1 bl-ashtray maghhom. Dawn ser jehlu, mal-Bus shelter ta' Triq Santu Rokku fejn in-nicca tal-Madonna, fejn dik kantuniera ma Triq il-Luqqata u l-Bus Shelter ta' fejn ir-RHE kif ukoll fejn dik ta' Bighi u anke fejn tax-Xatt. Wiehed jehel fejn sar il-progett tal-Housing ta' Bighi, tnejn fl-area tal-pjazza Sagra Familja u tnejn ohra fix-Xatt.

**5. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Seg Ezekuttiv.**

Is-Sindku ressaq il-Performance Bonus appraisal tas-Seg Ezekuttiv ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u dan gie approvat b'vot unanimu.

**6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 1/13.

**7. Aggornament**

7.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

7.1a Infurmat lill-Kunsill li hemm arblu immejjel qed jaghti ghal gol-bitha ta' Ray's Flats. Is-Sindku qal li diga saru rapporti dwaru.

7.1b Ser torganizza Harga ghall-Familja.

7.1c Jizdiedu l-pots fi Triq is-Sienja qabel il-parti d-dejqa. Is-Sindku qal li din il-proposta m'hix rakkomandabbli minhabba li hemm kwistjoni fuq il-bankina u li din hija wisq dejqa sabiex jitpoggew il-pots fuqha.

7.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

7.2a Ser issir l-attivita tal-Karnivall ghat-tfal, organizzata mill-kumpannija Leon Promotions nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2013 fit-3.00p.m.

Is-Seduta spiccat fit-7.00 ta' filghaxija.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv